

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-27 ta' Lulju 2020 (Każ R 2665/2019-1) hija annullata fir-rigward tal-prodotti "metalli komuni u l-liġi tagħhom; materjal ta' metal fi stat mhux ipproċċassat u parżjalment ipproċċassat, għal użu mhux spċċifikat; materjal metalliku għall-kostruzzjoni (mhux elettriku)" li jaqgħu fil-klassi 6, "tagħmir ta' elevazzjoni (magni), krejnijiet" li jaqgħu fil-klassi 7 u s-servizzi ta' "kiri ta' ġeneraturi; riċiklaġġ ta' żibel u skart" kif ukoll ta' "inċinerazzjoni ta' żibel; riċiklaġġ ta' skart u ta' materjal riċiklabbli; riċiklaġġ ta' prodotti kimiċi; trattament ta' skart [trasformazzjoni]; separazzjoni ta' skart u materja prima rkuprata (trasformazzjoni)" li jaqgħu taħt il-klassi 40 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irriivedut u emendat.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 414, 30.11.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-10 ta' Novembru 2021 – Nissan Motor vs EUIPO – VDL Groep (VDL E-POWER)

(Kawża T-755/20) (¹)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali VDL E-POWER – Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti e-POWER – Raġuni relativa għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001")

(2022/C 2/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Nissan Motor Co. Ltd (Yokohama-shi, il-Ġappun) (rappreżentant: P. Martini-Berthon, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: VDL Groep BV (Eindhoven, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: M. Rijks, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Ottubru 2020 (Każ R 2914/2019-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nissan Motor u VDL Groep.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Nissan Motor Co. Ltd għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u ta' VDL Groep BV.

(¹) ĠU C 53, 15.2.2021.